**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : LVI**
**Appell Nru: 261/2000**

**Il-Pulizija (Spettur A. P. Miruzzi)**

**Vs**

**JOHN CARABOTT**

**Illum, 6 ta'Gunju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat ic-citazzjoni li biha John Carabott tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali u akkuzat talli (**1**) fl-20 ta'Frar, 2000, bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att tal-1998 Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ghal habta tat-3.10 p.m., bhala hawker f'Ta' Qali Open Market, Ta'Qali, naqas hu jew impjegat tieghu li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali ta'cash register li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita ta' l-14 il-Skeda li tinsab ma' l-Att tal-1998 Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta'provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3, u 10 ta' l-imsemmija Skeda u l-Artikoli 51 u 77 (a) u (c) ta' l-Att XXIII tal-1998 ; kif ukoll talli (**2**) fl-istess zmien u fl-istes spost, fixkel, jew tellef jew xekkel jew dejjaq lil Louis Camilleri w Temi Scicluna, Spetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, mahturin skond l-Att tal-1998 Dwar it-Taxxa fuq il-Valuir Mizjud, li kienu qed iwettqu kif imiss setghat u dmirijiet moghtija jew imposti fuqhom bis-sahha ta' l-istess Att, u danbi ksur ta' l-Artikolu 79 ta' l-Att Nru: XXIII tal-1998.

Rat is-sentenza moghtija mill-fuq imsemmija Qorti datata 16 ta'Novembru, 2000, li biha John Carabott ma nstabx hati fuq l-ewwel akkuza w, ghalhekk, gie liberat minnha, filwaqt li nstab hati fuq it-tieni akkuza w gie mmultat Lm250.

Rat ir-rikors t'appell ta'John Carabott datat 22 ta'Novembru, 2000, li bih talab li din il-Qorti " thassar s-sentenza appellata w tillibera lill-akkuzat minn kull piena w htija, u, fin-nuqqas, tirriforma s-sentenza appellata ghal wahda inqas oneruza."

Semghet lill-Avukat Generali fis-seduta tad-19 t'April, 2001, jeccepixxi n-nullita' tar-rikors t'appell ta'John Carabott peress li, skond hu, it-talba kellha tkun ghar-riforma tas-sentenza appellata u mhux ghat-thassir taghha.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat fuq din l-eccezzjoni.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi l-Avukat Generali ghandu ragun. L-appellant jissottometti li fil-fatt hu ghamel talba ghar-riforma tas-sentenza appellata. Dan huwa minnu, izda din it-talba tieghu ghar-riforma tas-sentenza appellata hija wahda alternattiva ghat-talab tieghu principali ghat-thassir tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti.

Gja' la darba l-ewwel Qorti kienet illiberat lill-appellant minn wahda miz-zewg akkuzi dedotti kontrih, allura t-talba tieghu, taht piena ta' nullita', kellha tkun bilfors ghar-riforma tas-sentenza appellata. Li ghamel l-appellant hu li l-ewwel talab it-thassir tas-sentenza appellata, u wara talab li jekk din ma tigiex imhassra, tigi minflok riformata. Din it-talba mhiex maghmulha skond il-ligi w tali difett ma jistghax jigi rimedjat.

Ghal dawn il-motivi l-eccezzjoni sollevata mill-Avukat Generali hija milqugha w hu f'dan is-sens li l-appell ta'John Carabott huwa michud u s-sentenza appellata hija konfermatha fl-intier taghha.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur